MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 412/2000/2

**Anthony Azzopardi**

**vs**

**Rita Azzopardi**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta huma mizzewgin u legalment separati *ai termini* ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Antoine Agius fil-3l ta' Jannar 1996 (Dok. "A");

Illi miz-zwieg ta' l-attur mal-konvenuta twieled tifel li jismu Daniel u ghadu minuri peress li twieled fis-17 ta' Dicembru 1990;

Illi skond il-klawsola 2 tal-precitat kuntratt ta’ separazzjoni l-kura u l-kustodja tal-minuri Daniel tinsab fdata f’idejn il-konvenuta;

Illi skond il-klawsola 3 ta’ l-istess kuntratt l-attur, li dak iz-zmien kien impjegat, obbliga ruhu li jissoministra l-manteniment lill-konvenuta u lill-minuri Daniel;

Illi d-dar matrimonjali illi tinsab, illum 19, Balbi Street, Marsa, hija proprjeta’ parafernali ta’ l-attur u skond il-klawsola 6 paragrafu 3 ta’ l-imsemmi kuntratt il-konvenuta thalliet tghix fl-imsemmija dar bil-kundizzjoni li din id-dar tibqa’ ghall-uzu esklussiv u *vita durante* tal-konvenuta;

Illi mhux fl-interess suprem tal-minuri Daniel li jibqa’ taht il-kura u l-kustodja tal-konvenuta u dan *stante* li ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta qed iggib ruhha b’mod danneggjanti ghall-izvilupp fiziku, morali u psikologiku tieghu, inkluz li esponiet lill-minuri ghal imgieba sesswali esplicita;

Illi *inoltre* l-konvenut ilu disimpjegat ghal dawn l-ahhar sentejn:

Illi ricentement l-attur skopra illi l-konvenuta ilha tghix ma’ ragel iehor fil-fond 49, Balbi Street, Marsa, ghal dawn l-ahhar sena u nofs u b’hekk hija ddekadiet mid-dritt taghha li tkompli tabita fl-imsemmi fond *stante* li kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq imsemmi u l-obbligi imposta fuqha bil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li mhux fl-ahjar interess tal-minuri Daniel illi jibqa’ taht il-kura u kustodja tal-konvenuta u konsegwentement tafda l-istess kura u kustodja lil dik il-persuna li l-Qorti jidhrilha li hu fl-interess suprem ta’ l-istess minuri, u f’dan is-sens tvarja l-klawsola 2 tal-kuntratt fuq imsemmi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt ghall-manteniment minghand l-attur, u konsegwentement tvarja l-klawsola 3 tal-kuntratt fuq imsemmi;

3. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt u l-obbligi taghha skond il-ligi ghar-ragunijiet fuq premessi u ghalhekk iddekadiet mid-dritt taghha illi tkompli tghix fl-fond 49, Balbi Street, Marsa, u konsegwentement thassar u tirrevoka l-klawsola 6 paragrafu 3 tal-kuntratt fuq imsemmi;

4. Tinnomina Nutar biex jippubblika l-att ta' varjazzjoni tal-kuntratt fuq imsemmi kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti in virtu tat-talbiet precedenti, u tinnomina kuraturi biex jidhru fuq dan l-att minflok il-konvenuta jekk tkun assenti;

5. Tordna lill-konvenuta biex tizgombra mill-fond 49, Balbi Street, Marsa, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;
Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 10 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-**attur** tat-3 ta' Marzu 2000 fejn talab lill-Qorti sabiex tappunta l-kawza ghas-smigh bl-urgenza;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' April 2000 fejn il-Qorti tilqa` t-talba fis-sens li l-kawza se tinghata preferenza u giet appuntata ghall-11 ta' Mejju f'12.00pm;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ta' l-10 ta' Lulju 2000 a fol. 24 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-allegazzjonijiet maghmula fic-citazzjoni huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi kif jista` jigi

ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-allegazzjonijiet huma totalment foloz;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 25 u 26 tal-process;

Rat il-verbali tal-11 ta' Mejju 2000 fejn l-attur talab li jinnotifika lill-konvenuta wara l-hinijiet legali u l-Qorti laqghet it-talba; tas-7 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju; ta' l-20 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Settembru 2001 fejn il-Qorti dehrilha li l-kawza ghandha tkun ghall-konluzjoni tal-provi u li r-rikors ta' l-attur ta' l-20 ta' Gunju 2001 hu deciz f'dan is-sens; tat-18 ta' Gunju 2002; u tal-21 ta' Novembru 2002 fejn id-difensuri talbu li jaghmlu nota t'osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu sal-15 ta' Jannar 2003 lill-attur sabiex jipprezenta n-nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu sal-15 ta' Marzu 2003 biex jirrispondu; il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat ir-rikors ta' l-attur tas-6 ta' Gunju 2000 fejn talab lill-Qorti sabiex tordna n-notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat id-digriet tat-23 ta' Gunju 2000 fejn il-Qorti tilqa` t-talba *ai termini* ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12;

Rat li l-konvenuta giet notifikata bil-procedura ta' l-affissjoni (a tergo ta' fol. 22) u fil-Gazzetta tal-Gvern a fol. 23;

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenuta ta' l-10 ta' Lulju 2000 a fol. 27, fejn tiddikjara illi:

Illi *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-31 ta' Jannar 1996 esebit bhala Dokument "A", l-attur kien obbliga ruhu li jghaddi manteniment lil martu u lil ibnu.

Illi huwa naqas minn Mejju 1997 sa llum li jghaddi manteniment u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi u meta ghar-ragunijiet ivvintati qed jghid li hu mhux impjegat.
Illi ghalhekk l-attur huwa obbligat illi jitrasferixxi il-proprjeta` tal-fond 49, gia 19 Balbi Street, Marsa lill-konvenuta bhala penali ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

Illi ghalhekk l-istess konvenuta titlob din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur kien ademjenti fil-hlas tal-manteniment dovut skond il-kuntratt u li konsegwentement huma applikabbli l-kundizzjonijiet illi huwa stess qabel maghhom u ffirma ghalihom fil-kuntratt ta' separazzjoni u cjoe` illi l-fond 49 gia 19, Balbi Street Marsa jigi trasferit fuq isem il-konvenuta Rita Azzopardi;

2. Tinnomina Nutar u Kuraturi ghall-kontumaci biex jidhru fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-istess konvenut ipprezenta kontro-talba a fol. 27 tal-process fejn ippremetta:-

Illi *ai termini* tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-31 ta' Jannar 1996 esebit bhala Dok. "A" l-attur kien obbliga ruhhu li jghaddi manteniment lil martu u lil ibnu.

Ili huwa naqas minn Mejju 1997 sa llum li jghaddi manteniment u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi u meta ghar-ragunijiet ivvintati qed jghid illi hu mhux impjegat.

Illi ghalhekk l-attur obbligat illi jitrasferixxi il-proprjeta' tal-fond 49, gia 19, Balbi Street, Marsa lill-konvenuta bhala penali ghan-nuqqas ta' hlas ta' manteniment.

Illi ghalhekk l-istess konvenut talab lil din il-Qorti:-

1. Tiddikjara li l-attur kien inadempjenti fil-hlas tal-manteniment dovut skond il-kuntratt u li konsegwentement huma applikabbli l-kundizzjonijiet illi huwa stess qabel maghhom u ffirma ghalihom fil-kuntratt ta' separazzjoni u cjoe' illi l-fond 49 gia 19, Balbi Street, Marsa jigi trasferit fuq isem il-konvenuta Rita Azzipardi.

2. Tinnomina Nutar u Kuraturi ghall kontumaci biex jidhru fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta ritrattanti u l-lista tax-xhieda ta' l-10 ta' Lulju 2000 a fol. 28 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghall-kontro-talba tal-konvenuta a fol. 31 tal-process fejn eccepixxa illi;

1. Il-kontro-talba tal-konvenuta hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-kunsens ta' l-esponenti, ghall-klawsola penali fil-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn Nutar Antoine Agius fil-31 ta' Jannar 1996, gie karpit b'qerq u/jew zball u ghaldaqstant l-istess klawsola penali hija nulla u bla effett;

2. Il-kontro-talba tal-konvenuta hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-klawsola penali invokata mill-konvenuta hija nulla u bla effett *stante* li tikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-**artikolu 1120 tal-Kodici Civili**;

3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba tal-konvenuta hija intempestiva u ma tistax tigi akkolta *stante* li l-konvenuta qatt ma hadet passi gudizzjarji biex l-esponenti jesegwixxi l-obbligazzjoni principali li jhallas il-manteniment;

4. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba tal-konvenuta hija intempestiva u ma tistax tigi akkolta *stante* li l-esponenti ma giex imqieghed in mora b'att gudizzjarju kif jitlob l-**artikolu 1121 tal-Kodici Civili**;

5. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kontro-talba tal-konvenuta hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li, skond il-kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat minn Nutar Antoine Agius fil-31 ta’ Jannar 1996, il-konvenuta thalliet tghix fid-dar 49 (gia 19), Balbi Street, Marsa, proprjeta’ esklussiva ta’ l-esponenti, bl-obbligu li din id-dar tibqa’ ghall-uzu esklussiv u *vita durante* tal-konvenuta, liema obbligazzjoni nkisret mill-konvenuta kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi *inoltre* il-kontro-talba tal-konvenuta hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-esponenti ma kienx u mhux obbligat li jaghti manteniment lill-konvenuta minhabba ragunijiet validi skond il-ligi.

7. Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-penali invokata mill-konvenuta hija ngusta u esagerata, u ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha skond il-ligi sabiex ittaffi din il-penali.

8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur u l-lista tax-xhieda a fol. 33 tal-process;

Rat ix-xhieda ta’ l-**attur** a fol. 36;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju ta’ l-24 ta’ Jannar 2001 fejn kompla jixhed l-**attur** (a fol. 37); tas-6 ta’ Frar 2001 fejn xehed **Francis Tedesco** (a fol. 51) u kompla jixhed l-**attur** (a fol. 53); tas-26 ta’ April 2001; tat-18 t’Ottubru 2002 fejn xehed l-**Ispettur Joseph Cordina** (a fol. 30); tat-13 ta’ Novembru 2002 fejn xehdet il-**konvenuta**; u x-xhieda ta’ **John Spiteri** (a fol. 157);

Rat ir-rikors ta’ l-**attur** ta’ l-20 ta’ Gunju 2001 fejn talab lill-Qorti sabiex tiffissa seduta finali quddiem l-Assistent Gudizzjarju sabiex jinghalqu l-provi;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Lulju 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-rikors tal-**konvenuta** ta’ l-14 ta’ Novembru 2001 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha biex tipprezenta l-provi taghha;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Jannar 2001 fejn il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro-parti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta ta’ l-**attur** tat-30 ta’ Jannar 2002;

Rat id-digriet ta’ l-1 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti tordna lir-rikorrenti sabiex fi zmien erbat ijiem tipprezenta nota fejn fiha tiddikjara xi provi baqghalha tipproduci;

Rat in-nota tal-**konvenuta** tat-8 ta’ Frar 2002 fejn permezz taghha indikat ix-xhieda li baqghala tipproduci;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lill-konvenuta sabiex tipprezenta l-affidavits taggha fi zmien tletin (30) gurnata u lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa zewg seduti ghall-provi tal-konvenuta;

Rat ir-rikors ta’ l-**attur** tad-19 ta’ Frar 2002 (a fol. 110) fejn talab lill-Qorti sabiex tordna n-notifika ta’ l-imsemmi rikors wara l-hin legali;

Rat id-digriet ta’ l-20 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat in-nota tal-**konvenuta** tat-12 t’Awissu 2002 li permezz taghha pprezentat zewg affidavits taghha stess;

Rat in-nota tal-**konvenuta** tal-21 ta’ Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat ittra mill-Malta Drydocks esebita u mmarkata bhala Dok. “MD1”;

Rat ir-rikors tal-**konvenuta** tal-21 ta' Marzu 2003 fejn talbet lill-Qorti tawtorizzaha tipprezenta nota ta' sottomissjonijiet;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tordna li tali nota tigi pprezentata fi zmien sebat ijiem;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur ta' l-14 ta' Gunju 2003;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta tal-konvenuta tal-21 ta' Marzu 2003;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit taghha l-**attrici** tghid:-

*"Illi jiena Rita Azzopardi naqbel ma' dak illi qal Anthony Azzopardi illi konna mizzewgin u li ahna legalment isseparati ai termini ta' kuntratt tal-31 ta' Jannar 1996.*

*Illi t-tifel taghna Daniel, twieled fis-17 ta' Dicembru, 1990. Illi Azzopardi lanqas biss riedu lit-tifel, Daniel, u meta kont ghidtlu illi kont tqila kien qalli biex niehu xi haga halli nnehhi t-tarbija. Meta jiena irrifjutajt li naghmel dan, kien qalli illi jekk issa jiena kont hadt din id-decizjoni, hu ma kienx ser jghini fit-trobbija ta' din it-tarbija. Fil-fatt hekk ghamel ghaliex lil Daniel qatt ma ried jaf bih u dejjem tah il-genb.*

*Illi meta Daniel kien ghadu tarbija, kull meta kont inhalli lil Anthony mieghu sakemm kont immur il-quddies, meta kont immur lura d-dar kont insib lit-tifel imwerwer u kien*

*jiggranfa mieghi u minhabba f'hekk ma bqajtx inhallih ma' Anthony.*

*Illi Anthony Azzopardi minn dejjem kien vjolenti hafna mieghi meta kien ghadna mizzewwgin u dan anke fil-prezenza tat-tifel Daniel stess Ii fil-fatt kien jaqbez ghalija meta kien jara lil missieru jsawwatni. Meta kien jara hekk, Anthony Azzopardi kien jibda jghajjar lil ibnu w jghidlu kliem mhux xieraq u kien jaghtih il-genb.*

*Illi Anthony ma kienx jaf juri karezzi mat-tifel u anke biex jikkoregih kien ikun vjolenti mieghu u kien jabbuza minnu bid-diskors illi kien jghidlu u dan meta kien ghadu tarbija jew ta' eta tenera.*

*Illi hija haga stramba kif Anthony Azzopardi qed jipprova jghid illi qed jinteressah mit-tifel tieghi. Fil-fatt ghalkemm ghall-bidu illi saret is-separazzjoni beda` jigi jarah, wara beda` jfalli ghal hmistax, u wara ghal xahar u wara izjed, sakemm fl-ahhar qata` ghal kollox. lssa Anthony Azzopardi ilu ma jara Iil ibnu Daniel madwar sitt snin. Fil-fatt fin-1997 waqaf milli jigi jara lit-tifel u lanqas ghall-okkazjonijiet bhal Birthday u Christmas ma jiftakar fih, Ia jibghat card u wisq inqas xi rigal.  Anthony Azzopardi tul dawn is-snin kollha qatt ma fittxu lil ibnu Daniel u ghalhekk qatt ma ha interess fih u qatt ma pprova jarah.*
*Illi ftit wara l-kuntratt ta' separazzjoni personali, Anthony Azzopardi kien inheba u jiena ma stajt nirrintraccah bl-ebda mod u fil-fatt minn dak iz-zmien sa llum qatt ma rcevejt il-manteniment dovut minghandu skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni la ghalija u lanqas ghal ibnu Daniel. Anthony Azzopardi ilu ma jaghtini manteniment minn Mejju 1997. Peress illi jiena ma kellix indirizz ta' Anthony Azzopardi, meta rajt illi kien waqaf jaghaddili I-manteniment jiena kont cempilt Manuel Island fejn kien jahdem izda hemm hekk qaluli li ma kienx ghadu jahdem hemm u ma riedux jaghtuni nformazzjoni dwar fejn kien qed jahdem issa jew xi dettalji tar-residenza tieghu.*

*Illi d-dar konjugali vera kienet tieghu u ghadha tieghu, izda skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali li esebixxa Anthony Azzopardi stess f'din il-kawza, jirrizulta*

*illi fis-sitt klawzola ta' l-istess kuntratt hu kien intrabat biex id-dar konjugali jghaddiha lili kemm-il darba jonqos illi jghaddili il-manteniment. Fil-fatt Anthony Azzopardi naqas li jghaddili l-manteniment u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi u meta ghar-ragunijiet ivvintati qed jghid illi hu mhux impjegat. Ghaldaqstant issa Anthony Azzopardi huwa obbligat illi jitrasferixxi l-proprjeta` tal-fond 49 gia 19, Balbi Street, Marsa illi bhala penali ghan-nuqqas tal-hlas tal-manteniment.*

*Illi jiena minhabba illi Anthony Azzopardi naqas ghal dawn is-snin kollha milli jghaddili l-manteniment ghalija u ghal Daniel, qed nghix bis-servizzi socjali kemm jiena u kemm ibni.*

*Illi jiena nichad dak kollu illi allega Anthony Azzopardi fuqi u nghid illi mhux minnu illi jiena qed nghix jew li qatt ghext ma' ragel iehor taht l-istess saqaf more uxoria. Mis-separazzjoni minn mar-ragel tieghi Anthony l' hawn, jiena dejjem ghext fid-dar mat-tifel tieghi Daniel biss.*

*Illi nghid ukoll illi hemm relazzjoni tajba hafna bejni u bejn ibni Daniel. Fil-fatt Daniel jiehu hsiebi, jhobbni u jirrispettani hafna u jiena nhobbu u ngib rispett kbir lilu u nrabbih bl-ahjar mod possibbli. Ghalhekk nichad illi jiena b' xi imgieba tieghi ddanneggajt lil ibni b' xi mod.*

*Illi jirrizulta bic-car illi Anthony Azzopardi gideb dwari u li kelli xi relazzjoni ma' xi hadd u li ghamilt il-hsara lil ibni bl-imgieba tieghi u dan jirrizulta bic-car mis-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "RA1" tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn ix-xhud ta' Anthony Azzopardi illi ghamel dawn l-allegazzjonijiet fuqi gie kkundannat zmien prigunerija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Jiena ghalhekk nerga` nichad dak kollu illi qal l-attur fic-citazzjoni tieghu u r-rapporti foloz illi kienu saruli. Fil-fatt jiena kelli nghaddi minn hafna problemi minhabba dan il-gideb.*

*Illi Anthony Azzopardi issa qed jghid illi hu dizokkupat. Qabel ma sseparajna hu kien jahdem id-Dockyard u Manuel Island bhala chargeman u huwa ftit stramb kif la ma tkecciex, spicca mix-xoghol.*

*Illi huwa Anthony Azzopardi illi qed jghix ma' mara ohra u ilu jghix maghha mid-data tas-separazzjoni. Fil-fatt hu kien issepara minn mieghi minhabba din ir-relazzjoni illi kellu u Anthony Azzopardi kien ha hwejgu u telaq mid-dar konjugali fil-25 ta' Mejju 1995."*

Fl-affidavit ulterjuri taghha l-**attrici** tghid:-

*"Illi rigward il-kuntratt ta' separazzjoni personali illi kien gie ffirmat minni u minn Anthony Azzopardi, nixtieq inzid illi kien Anthony Azzopardi illi kien hadni ghand l-Avukat Tonio Mallia u kien qalli illi ma kienx hemm ghalfejn inqabbad Avukat iehor jiena. Il-kuntratt kien sar fuq struzzjonijiet illi kien ta ir-ragel tieghi stess, Anthony Azzopardi. Dakinhar illi dehrna quddiem l-Imhallef. Dan kien spjegalna x' konna ser niffirmaw u f'hiex kienet tikkonsisti s-separazzjoni personali. Anke in-Nutar kien qara u spjega l-kontenut tal-kuntratt ta' separazzjoni sew qabel ma ffirmajnih. Il-kuntratt kien sar skond il-ftehim li kien hemm bejni u bejn Anthony Azzopardi, u dan Anthony jafu sew. Ghalhekk mhux minnu illi ma kienx jaf x'fih il-kuntratt.*

*Illi Dr. Tonio Mallia kellu jhallsu ir-ragel tieghi. Jiena lil Dr. Tonio Mallia qatt ma tajtu xi flus dakinhar illi dehrna il-Qorti. Kont tajtu xi flus bosta zmien wara lil Dr. Tonio Mallia, wara li kienet diga` saret is-separazzjoni u dan peress li ridt il-file tieghi lura ghaliex kent ser immur ghand Avukat iehor u ghalhekk Dr. Tonio Mallia kien talabni xi hlas.*
*Illi jiena mid-data taz-zwieg tieghi sa llum il-gurnata bqajt nirrisjedi fid-dar matrimonjali 49 (qabel 19), Balbi Street, Marsa, din hija l-unika residenza tieghi.*

*Illi dwar l-allegazzjonijiet illi ghamel Joseph Gauci fuqi u fuq it-tifel tieghi Daniel, nixtieq inzid illi fil-perjodu li saru dawn l-allegazzjonijiet ibni beda ghaddej minn zmien hazin hafna. Joseph Gauci kien mar ixerred dawn l-allegazzjonijiet fl-iskola tat-tifel, mal-Headmistress, l-Ghalliema, il-muzew illi kien jiffrekwenta t-tifel, mal-genituri tat-tfal ta' l-iskola u anke ma' l-istess tfal u kien mar jghid ukoll illi Daniel ihobb is-subien. Meta bdew jduru*

*dawn l-istejjer dwar Daniel, Daniel beda jigi mwarrab u shabu ma ridux jiIghabu izjed mieghu. Fejn qabel kien popolari mat-tfal ta' l-iskola, issa hadd ma jrid joqghod izjed mieghu. Ghalkemm naghmel l-almu tieghi biex it-tifel kemm jista jkun inzommu l-boghod minn dan id-diskors tan-nies, xorta jisma` dak li jghidu fuqu. Jiena kont hassejt ukoll illi l-investigazzjonijiet illi kienu bdew isiru biex jigu vverifikati I-allegazzjonijiet illi ghamel Joseph Gauci, kienu qed ikunu aktar ta' dannu ghat-tifel, ghaliex jiena kont naf illi dak kien kollu gideb u li kienu qed jghaddu lit-tifel minn martirju ghal xejn. F'dak iz-zmien Daniel kien anke beda jmur lura fl-istudju izda issa rega` beda` jirkupra u qed imur ahjar.*

*Illi minkejja illi kien hemm sentenza kontra Joseph Gauci fuq malafama u nghata ukoll piena karcerarja kif jirrizulta mill-istess sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li diga` giet annessa u mmarkata bhala Dok. "RA1", il-girien u t-tfal xorta baqghu jghidu fuqi w fuq ibni w ghalhekk hu difficli twaqqaf iI-hsara illi saret b' dawn I-allegazzjonijiet.*

*Illi dan Joseph Gauci ghadu jippsersegwitana sa llum u dan billi anke jigi jhammeg quddiem iI-bieb tieghi tant li lanqas nista` nnaddaf ghaliex hekk kif inkun lestejt u naghlaq iI-bieb jerga` jigi jitfa` I-hmieg u jaghmel il-bzonnijiet tieghu wara il-bieb tad-dar tieghi bil-lejl.*

*Illi jiena nhobbu u nirrispettah lil ibni u dejjem ghamilt l-almu tieghi biex narah kuntent. Ghalhekk ghal darb' ohra nerga` nichad l-allegazzjonijiet illi saru illi jiena b' xi imgieba tieghi ddanneggajt lil ibni. Jiena rabbejt lil ibni sew, u huma dawn l-allegazzjonijiet illi qed jaghmlu hafna hsara lili u lil ibni u mhux xi mgieba tieghi. Dawn kienu biss stejjer ivvintati biex jaghmlu hsara lili u lil ibni.*

*Illi r-ragel tieghi Anthony Azzopardi qatt ma ha nteress fit-tifel u wisq izjed ha nteress wara s-separazzjoni ghaliex ilu s-snin ma jarah u qatt m'ghamel tentattiv biex javvicinah b' xi mod, ghalhekk qed iqajjem dawn il-kwistjonijiet issa mhux ghaliex jimpurtah mit-tifel jew ghaliex qed jinkwieta fuqu imma biex jaghmel il-hsara lili u jcahhad lit-tifel minn ommu u ghal ebda raguni ohra."*

Illi apparti dan xehdu, *viva voce* l-**attur** quddiem l-Assistent Gudizzjarju (a fol.37) li rrakonta x'kien qal Joe Gauci dwar allegati relazzjoni tieghu mal-konvenuta, u l-istess attur rega` xehed fil-24 ta' Jannar 2001 (a fol.49) fejn esebixxa r-rikors li kien ghamel fis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili; **Frances Tedesco** li sostniet li l-konvenuta kienet applikat ghall-assistenza socjali l-ewwel darba fis-26 ta' Ottubru 1995, u wara fil-15 ta' Settembru 1997, u kienet wara t-tieni applikazzjoni li bdiet tiehu tmienja u ghoxrin lira Maltija u sitta u ghoxrin centezmu (Lm28.26) fil-gimgha mill-20 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar spiccat b'disgha u ghoxrin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm29.80) kull gimgha., li minhabba l-zieda fl-gholi tal-hajja telghet ghal tnejn u tletin lira Maltija u tletin centezmu (Lm32.30) u lira Maltija (Lm1.00) ghaz-zieda nazzjonali, minbarra *bonus* u *children's allowance* ta' tminn liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm8.67) fil-gimgha.

Illi hemm esebit rapport li kien sar minn Joseph Gauci ta' wiehed u sittin (61) sena datat 24 ta' Novembru 1999 a fol. 55 tal-process u rapport ta' Anthony Azzopardi a fol. 58 tal-process; rapport ta' Katya Vella a fol. 60 tal-process; rapport ta' Bernard Caruana; ritratti esebiti mill-attur, sentenza ta' l-Onorabli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-3 ta' Settembru 2001 moghtija fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Joseph Gauci"** (A.Kr.(VGD); fl-ahharnett gie esebit certifikat mill-Malta Drydocks a fol. 145 li jidher li l-attur spicca mill-impjeg tieghu hemm imsemmi fuq rikjesta tieghu (Dok. "MD1").

Illi xehed ukoll l-**Ispettur Cordina** fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2002 (fol. 132) u l-**konvenuta** fil-kontro-ezami taghha tat-13 ta' Novembru 2002.

### ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

Illi fl-ewwel lok jinghad li din hija kawza fejn l-attur, minhabba certu allegazzjonijiet li huwa ghamel fil-konfront ta' martu, u partikolarment dwar allegat abbuz minnha fil-konfront tal-minuri, qed jitlob li dak kontenut fil-kuntratt ta'

separazzjoni bejn il-partiiet tal-31 ta' Jannar 1996 pubblikat minn Nutar Antione Agius wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti, f'certu bnadi ghandu jigi mibdul, kif qed isostni fic-citazzjoni attrici.

Illi dan jista' jsir skond il-ligi nostrali mhux f'kollox, izda fuq certi partijiet biss tal-kuntratt ta' separazzjoni, *stante* li bhala ftehim bejn il-partijiet li jkun sar bl-awtorizzazzjoni wkoll tal-Qorti, l-istess kuntratt jifforma ligi bejn il-partijiet, u ghalhekk fil-maggoranza tal-kazi l-istess partijiet jkollhom josservaw dak li hemm fl-istess ftehim, b'eccezzjoni ghall-kapi mill-istess li l-istess ligi tipprovdi li b'talba *ad hoc* jistghu jinbidlu jekk ikun hemm il-bdil fic-cirkostanzi rikjest fil-ligi, u dan bil-mod kif sejjer jinghad iktar il-quddiem.

Illi ovvjament dan jibqa' japplika dment li l-istess kuntratt ta' sepazzjoni ma jigix attakkat gudizzjarjament minhabba r-ragunijiet imsemmija fil-**Kodici Civili,** pero' f'kazijiet bhal dawn wiehed irid jirreferi, ghall-**artikolu 488 tal-Kap 12** li tipprovdi li:-

*"(1) Kontra l-atti maghmulin bil-permess jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti, ma tistax tingieb il-prova li l-kunsens gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza jew b'ghemil doluz, jew li l-att kien b'xi mod ta' hsara jew ta' pregudizzju.*

*(2) Izda l-att jista' jigi mwaqqa` jekk jigi ppruvat illi l-permess jew l-awtorizzazzzjoni tal-Qorti gew moghtija minhabba dikjarazzjonijiet foloz jew minhabba li ma ntqalux xi cirkostanzi".*

Illi abbazi ta' dan din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia"** (P.A. (RCP) 6 ta' Marzu 2003) sostniet li l-artikoli hemm imsemmija minn **artikolu 974 sa artikolu 981 tal-Kap 16** dwar vizzju ta' kunsens mehud bi vjolenza, b'ghemil doluz jew li gie moghti bi zballi huma wkoll soggetti ghal dak li jinghad f'dan l-istess artikolu *"……………..u dan apparti l-fatt li f'kuntratt hekk awtorizzat mill-Qorti, l-premessi attrici*

*mhux kollha japplikaw, inkluz dak ta’ vjolenza citata mill-attur”*.

Illi mela huwa eccezzjonalment li parti ghandha dritt titlob li f’kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet li kondizzjonijiet li jigu hekk pattwieti ma jibqghux japplikaw fil-konfront tal-kontendenti, u wahda minnhom hija necessarjament kull ftehim li jkun sar bejn il-genituri rigward l-kura u kustodja ta’ l-istess, u dan ghar-raguni li f’dan il-kaz il-gid tat-tfal jista’ jirrikjedi tali revizjoni tal-ftehim bejn il-partijiet, anke ghaliex l-interess suprem tat-tfal u ulied hija l-iktar haga li l-ligi u l-Qorti huma tenuti li jissalvagwardjaw u jipprovdu ghalih.

Illi dan fil-fatt huwa provdut fl-**artikolu 61 tal-Kap 16** li jipprovdi li:-

*“(1) Kull ftehim bejn il-mara u r-ragel dwar il-kustodja tat-tfal jista’, f’kull zmien, fuq talba tal-mara jew tar-ragel, jew ta’ xi qarib ta’ xi hadd minnhom, jigi annullat mill-Qorti kompetenti, meta hekk huwa mehtieg ghall-gid tat-tfal”.*

*“(2) F’dak il-kaz, il-qorti ghandha tiddecidi f’idejn min ghandhom jigu moghtijin it-tfal, u kif ghandhom jitmantnew u jigu edukati”.*

Illi tenut kont tal-premess skond klawsola tnejn (2) tal-kuntratt ta’ separazzjoni datat 31 ta’ Jannar 1996, il-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri giet fdata f’idejn il-konvenuta bi dritt ta’ access ghall-istess minuri mill-attur kif jigi miftiehem bejn il-partijiet.

Illi jidher li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta li qed jaghtu aditu ghat-tibdil ta’ din il-klawsola huwa primarjament ibbazat fuq l-allegazzjoni li certu Joseph Gauci ghamel fil-konfront tal-konvenuta fis-sens li huwa allega permezz ta’ rapport li ghamel anke lill-Pulizija fl-24 ta’ Novembru 1999, li huwa kellu relazzjonijiet intimi ma’ l-istess konvenuta u li certu kunfidenzi sesswali saru quddiem l-istess minuri.
Illi jinghad mill-ewwel li jirrizulta li l-istess Joseph Gauci ma giex prodott mill-attur sabiex jixhed f’din il-kawza, u l-

allegazzjoni infami li saru mill-istess Joseph Gauci fir-rapport tieghu lill-Pulizija kontra l-konvenuta, ma gew bl-ebda mod ippruvati quddiem din il-Qorti, anke peress li l-ahjar prova dwar l-istess baqghet ma ngabitx, ghaliex it-tezi kollha ta' l-attur hija bbazata fuq dak li jghid l-istess Joseph Gauci, li kif inghad ma tressaqx bhala xhud f'din il-kawza. Ghalhekk f'dak li jsostni l-attur fuq dan il-punt ix-xhieda kollha hija *"detto del detto"* li bhala tali lanqas biss hija ammissibbli bhala prova, u dan proprju wkoll ghaliex m'hijiex l-ahjar prova.

Illi mhux hekk biss, izda kull allegazjoni li saret minn Joseph Guaci fil-konfront ta' l-attrici, u specjalment l-allegazzjonijiet tieghu fil-konfront taghha dwar xi forma ta' abbuz fl-allegata relazzjoni tieghu maghha u dan anke fil-konfront tal-minuri kienu suggett ta' azzjoni kriminali dwar malafama li l-kienet gie istitwita mill-Pulizija fil-konfront ta' l-istess Joseph Gauci, wkoll ibbazata in fuq l-allegazzjonijiet li huwa kien ghamel fir-rapport tieghu lill-Pulizija. Illi infatti fil-kawza fl-ismijet **"Il-Pulizija vs Joseph Gauci"** (A.Kr. (VGD) 3 ta' Settembru 2001, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:-

*"L-appellant ghazel li ma jixhedx fl-istadju ta' appell. Minkejja li l-appellant ipproduca bhala xhud in difeza lil Angela Azzopardi, din il-Qorti hija tal-fehma li huwa ma ippruvax, imqar fuq bazi ta' probabilita', li huwa kellu ragunijiet tajba sabiex jahseb li jkun hemm xi haga "hazina" jew "mhux normali" fir-relazzjoni ta' bejn Rita Azzipardi u binha. Inoltre din il-Qorti tistaqsi: assumendo li kellu ragunijiet tajba biex hekk jahseb, jekk l-unika hsieb tieghu meta mar ikellem diversi nies kien li jara li ma ssirx, jew ma tkomplix issir, hsara morali lit-tifel, ghala ma nfurmax minnufih lill-awtoritajiet b'dak li kien jaf flok qaghad jistenna li tintemm ir-relazzjoni li kellu ma' l-istess Azzopardi?………….kif osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **"Maria Bovett v. Lorenza Formosa"** (Appell Kriminali, 8 ta' Gunju 1957) biex wiehed jista' jinvoka bhala mezz difensjonali, f'materja ta' ingurja, l-animus consulendi jew l-animus corrigendi, jehtieg li dak li jkun izomm ruhhu fil-limiti ta' kliem kunfidenzjali u li jkun*

*qalhom biss lil min kien jehtieg jghidhom biex jilhaq l-iskop salutari tieghu,…….”*

Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet tghid hekk:-

*“Din il-Qorti, ghall-kuntrarju hija konvinta, anke wara li kkunsidrat ukoll id-deposizzjoni ta’ Rita Azzopardi, li l-appellant kien ben konxju li kien qed jiddivulga fatti malfamanti fil-konfront ta’ l-istess Azzopardi, u li dan ghamlu biex jivvendika ruhhu minhabba l-fatt li hi kienet temmet ir-relazzjoni li kellha mieghu”.*

Illi apparti minn dan kollu jidher li ix-xhieda ta’ l-attur m’hijiex bil-wisq izjed kredibbli u hawn bizzejjed jinghad li fl-ewwel lok qatt ma giet spjegata r-relazzjoni ta’ l-istess attur ma’ dan Joseph Gauci, u f’mumenti mix-xhieda tieghu l-istess attur fejn dehrlu li ma qabilx mal-kuntenut ta’ l-istess kuntratt ta’ separzzjoni sostna li huwa ma qrahx il-kuntratt ghaliex halla f’idejn l-Avukat tieghu Dr. Tonio Mallia (llum l-Onorevoli Imhallef Tonio Mallia) u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda ta’ l-attur a fol. 42 tal-process relattiv ghas-seduta li saret quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi. Dan huwa kollu kemm huwa nkredibbli u inveritier *stante* li jirrizulta car mill-atti processwali li tali kuntratt kien iffirmat mill-istess attur wara li saret id-debita awtorizzazzjoni ta’ l-istess kuntratt mill-Qorti skond il-ligi, u l-istess kuntratt gie ppubblikat wara l-istess awtorizzazzjoni minn Nutar Antoine Agius, li ddikjara l-istess kuntratt ukoll moqri.

Illi ghalhekk anke fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi fuq elenkati, jirrizulta li l-attur jaghti x-xhieda tieghu kif jhoss li jaqbillu, tant li f’din il-kawza qed jippremetti min-naha l-wahda u dan relattiv ghat-talbiet l-ohra li jesegwixxi l-istess ftehim hemm milhuq ma’ l-attrici fejn qed isostni li la darba hija kisret il-kondizzjonijiet tal-ftehim mela allura hemm certu konsegwenzi, u minn naha l-ohra u dan relattivament ghall-obbligazzjonijiet minnu assunti fl-istess kuntratt, qed jghid li mhux minnu li huwa ftiehem hekk izda dak li hemm fl-istess kuntratt ma qabilx mieghu.
Illi dwar l-allegazjonijiet li saru mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u binha jirrizulta wkoll li l-istess allegazzjonijiet

gew bl-iktar mod kategoriku kkontestati u addirittura kontradetti mill-istess konvenuta u hawn issir riferenza ghax-xhieda ta' l-istess konvenuta li kienet konsistenti f'dan ir-rigward tant li din il-Qorti hija konvinta li l-allegazzjonijiet ta' l-attur huma fabbrikati minnu u mill-istess imsemmi Joseph Gauci, u l-ahhar imsemmija persuna kellha biss l-intenzjoni li twegga` u tpattiha lill-konvenuta, peress li hija ma rieditx li tkompli xi forma ta' relazzjoni li setghet kellha mieghu, liema relazzjoni lanqas kienet tinvolvi relazzjonijiet intimi tan-natura allegata mill-attur. Min-naha l-ohra l-iskop ta' l-attur kien u ghadu biss li jwegga lill-konvenuta billi jifridha minn binha, u certament ma kienx animat b'xi sentiment lodevoli ghall-istess minuri, tant li apparti li waqaf imantnih huwa wkoll lanqas ezercita' d-dritt ta' access li kellu fl-istess kuntratt u mhux biss izda lanqas jidher li qed joffri li b'xi mod jiehu hsieb l-istess minuri ghaliex issugerixxa li l-istess minuri jinzamm fid-dar tat-tfal.

Illi dwar ir-rapporti ta' l-istess *social workers* esebiti f'dawn l-atti processwali, u li kienu esebiti quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili wkoll jidher li m'hemm l-ebda dubju li kienet saret hsara lill-istess minuri minhabba li l-istess minuri kien konxju ta' l-allegazzjonijiet li saru mill-attur fil-konfront ta' ommu, u dan anke li l-attur u l-istess Joseph Gauci kienu xerdu dawn l-allegazzjonijiet malfamanti ma' diversi nahat tar-rahal, apparti l-fatt li erronjament il-konvenuta wkoll uriet b'dawn l-allegazzjonijiet lil binha. Fil-fatt li din il-Qorti turi d-dizapprovazjoni taghha dwar l-istess, u thoss li dan kellu jigi evitat ghall kul kost, pero' izzid tghid li l-konvenuta tpoggiet mill-attur u mill-istess Joseph Gauci taht pressjoni konsiderevoli ghal certu ammont ta' zmien, li certament affettwaw l-istat taghha u dan kollu sar mill-attur intenzjonalment sabiex iwegga' lill-konvenuta b'mod mill-iktar serju u fl-iktar haga li kienet importanti ghaliha, cjoe' r-relazzjoni taghha ma' l-istess minuri.

Illi mill-provi prodotti u wkoll minn dak li jidher li gara fil-mori tal-kawza din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, u hawn il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li inghad fuq dan il-punt mill-

konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha u tadottah, *stante* li hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-interess suprem ta' l-istess minuri jitlob li l-kura u l-kustodja ta' l-istess ghandha tigi fdata u allura tibqa' f'idejn il-konvenuta; anzi din il-Qorti thoss, li kif l-istess attur qata' l-access ma' l-istess minuri anke waqt li huwa kien qed jaghmel dawn l-insinwazzjonijiet foloz, li l-access ghall-istess minuri mill-attur ghandu jigi terminat.

Illi t-tieni talba ta' l-attur hija li l-istess konvenuta ddekadiet mid-drittt taghha ta' manteniment, u la darba din it-talba hija bbazata fuq l-istess allegazzjonijiet medesimi vantati mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u binha, li gew iktar il-fuq ikkunsidrati, certament li fuq il-premess, l-istess tieni talba m'ghandhiex tigi milqugha. Hawn ukoll il-Qorti taghmel riferenza ghax-xhieda kollha prodotta mill-attrici li tikkontrasta ma' dak kollu li gie allegat mill-attur, liema xhieda hija ferm iktar kredibbli u verosimili minn dik ta' l-attur, u wkoll ghal dak li inghad mill-istess konvenuta fin-nota ta' osservazzjonijiet, partikolarment fuq il-fatti tal-kaz, u mehud dan kollu in konsiderazzjoni jista' jinghad li certament mill-provi prodotti l-allegazzjonijiet ta' l-attur f'dan ir-rigward ukoll ma gew bl-ebda mod ippruvati.

Illi pero' jizdied jinghad ukoll li fil-kuntratt ta' separazzjoni tali hlas ta' manteniment lill-attrici ma kien suggett ghall-ebda kondizzjoni anzi jinghad li l-istess manteniment *"jibqa' dovut anke jekk il-komparenti Rita Azzopardi tkun qed tahdem u anke wara li l-imsemmi minuri jaghlaq it-tmintax il-sena".*

Illi huwa veru li *ai termini* ta' l-artikolu **21** jinghad li l-istess manteniment jista' jigi mnaqqas jew imnehhi jekk min huwa obbligat li jaghti manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti manteniment, izda apparti l-fatt li hawn wiehed qed jitkellem fuq dispozizzjoni kontrattwali, wiehed jinnota wkoll li mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess attur telaq mix-xoghol li kellu mal-Malta Drydocks b'decizjoni unilaterali tieghu, u ghalhekk ghal xi raguni li jaf biha l-attur biss, huwa gab lilu nnifsu f'din is-sitwazzjoni kapriccozament. Dan fl-ahhar mill-ahhar ghall-iskop ta' din it-talba m'ghandu x'jaqsam xejn mat-talba tieghu sabiex l-istess

konvenuta tiddekadi mid-dritt taghha ta’ manteniment, u abbazi tal-provi prodotti certament ma jirrizultax li dan huwa l-kaz u ghalhekk anke din it-talba ghandha tigi michuda.

Illi dwar it-tielet talba fejn l-attur qed jikkontendi li l-konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt ta’ separazzjoni u allura ddekadiet mid-dritt li tabita fid-dar konjugali, jirrizulta minn klawsola sitta (6) ta’ l-istess kuntratt li tali dritt tal-konvenuta ma gie suggett ghall-ebda kondizzjoni u allura m’hemm l-ebda raguni legali ghaliex il-ftehim tal-partijiet dwar l-istess ghandu jigi disturbat, u dan anke in virtu tal-principju *“pacta sunt servanda”.*

Illi dwar l-allegazzjonijiet ta’ l-attur fil-konfront tal-konvenuta, kif diga` inghad iktar il-fuq, dawn bl-ebda mod ma gew ippruvati, u dan qed jinghad biss sabiex tigi raddrizzata l-lamentela ta’ l-attur, peress li ma jidhirx li fl-istess kuntratt tpoggiet xi kundizzjoni li kienet b’xi mod tillimita tali dritt lill-konvenuta, u f’dan il-kuntest l-istess kuntratt ta’ separazzjoni bejn il-partijiet huwa car w inekwivoku u ma ghandhu lok ta’ ebda interpretazzjoni.

Illi konsegwenti ghall-fatt li t-talbiet kollha attrici qed jigu michuda, r-raba` (4) talba wkoll qed tigi michuda, *stante* fid-dawl tal-premess, tali raba` talba m’hemmx lokha.

Illi dwar il-hames (5) talba, apparti l-fatt li m’hemm xejn fil-kuntratt li jiggustifika li ssir tali talba, *stante* li m’hemm ebda kundizzjoni ghall-istess residenza tal-konvenuta fl-imsemmi fond u l-kuntratt huwa dak li jirregola r-relazzjoni bejn il-partijiet f’dan ir-rigward, jinghad ukoll li kif gja gie deciz dwar il-fond, l-allegazzjonijiet attrici fuq dan il-punt ma gewx ippruvati, anzi jirrizultaw karenti ghal kollox u ghalhek din il-hames (5) talba ghandha wkoll tigi michuda;

Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenuta hija qed isostni li la darba l-istess konvenut naqas li jmantniha huwa obbligat li jitrasferixxi l-fond hemm imsemmi lilha, u dan skond id-dispozizzjonijiet relattivi ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni premess.

Illi fil-fatt paragrafu sitta (6) ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni jipprovdi li:-

*“Anthony Azzopardi jiddikjara li huwa hareg mill-fond matrimonjali, cjoe’ il-fond dsatax (19) Balbi Street, Marsa, liema fond, ghalkemm se jibqa`, kif inhu, proprjeta’ parafernali ta’ l-imsemmi Anthony Azzopardi, ghandu jibqa’ ghall uzu esklussiv ta’ l-imsemmija Rita Azzopardi. Anthony Azzopardi jobbliga ruhhu wkoll li f’kaz li huwa jieqaf volontarjament jahdem, jew f’kaz li huwa ma jghaddix manteniment lill-martu kif fuq spjegat u dan ghall-perjodu ta’ xahar, allura jittrasferixxi b’titolu ta’ bejgh assolut fuq isem martu, l-imsemmi fond (li hu kien xtara b’att tan-Nutar Joseph Henry Saydon tal-hdax ta’ Novembru elf disa’ mija u sitta u tmenin) u dan minghajr pregudizzju ghad-dritt ta’ l-istess Rita Azzopardi li tkompli tiehu l-manteniment dovut”.*

Illi dwar dan l-attur jeccepixxi li l-kunsens tieghu ghall-istess klawsola gie karbit b’qerq u/jew bi zball, izda f’dan ir-rigward l-attur lanqas minimu ta’ prova dwar l-istess allegazzjonijiet minnu vantati ma ressaq.

Illi *inoltre* jinghad li l-pozizzjoni li pprezenta l-attur fil-kawza u fil-kontro-talba huma ghal kollox inkonsistenti ma’ xulxin, *stante* li f’nifs wiehed qed jghid li l-kuntratt ghandhu jigi esegwit u ppresenta talbiet proprju ghal dan l-iskop, filwaqt li hawn qed jattakka l-validita’ stess tal-kuntratt li ftit qabel kien qed jibbazza kollox fuqu. Huwa ovvju li kull persuna trid taghzel xi triq ser tiehu, u dan anke legalment u gudizzjarjament, u ma tistax ghaliex hekk ikun jaqblilha, li tibdil tali via meta thoss li huwa hekk komdu ghaliha.

Illi fit-tieni lok din il-Qorti dwar l-lamenteli ta’ l-attur ta’ vizzju ta’ kunsens tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Carmel Farrugia vs Alexandra Farrugia”** (P.A. (RCP) 6 ta’ Marzu 2003) u ghall-gurisprdenza hemm citata dwar l-istess artikoli imsemmija mill-attur b’riferenza ghall dak li gie ritenut fil-kuntest ta’ l-artikolu **488 tal-Kap 12** fuq citat.

Illi fl-ahhar lok u apparti l-premess, jirrizulta li l-attur ma ghamel l-ebda azzjoni f’dan is-sens ghar-rexxissjoni ta’ l-

istess klawsola, u m'hemm l-ebda dubju li lamentela ta' l-attur kellha tingieb *per via di azione* u mhux *per via di eccezzione.* Dak li fil-fatt ghandha llum quddiemha din il-Qorti jibqa' kuntratt pubbliku debitament ippubblikat u insinwat, li sar wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, u ghalhekk din l-eccezzjoni ta' l-attur ghall-kontro-talba qed tigi michuda.

Illi f'dan ir-rigward u fid-dawl tal-premess, l-allegazzjonijiet vantati mill-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet huma ghal kollox inkorretti f'dak li huma, kemm l-espozizzjoni tal-fatti hemm indikati u kemm dwar il-kuncetti legali li japplikaw ghall-kaz in ezami, apparti li huma ghal kollox kontradittorji peress li issa qed jikkontestaw kuntratt li ftit qabel, meta kienet qed tigi trattata l-azzjoni attrici, l-attur kien herqan li jsostni l-validita' tieghu. Dan irendi l-istess nota ta' osservazzjonijiet frivola u vessatorja, apparti kontradittorja f'diversi elementi essenzjali ghas-soluzzjoni ta' din il-pendenza kemm ghal dik li hija l-azzjoni attrici u l-kontro-talba tal-konvenuta. Dan ghaliex l-attur ibiddel bla ebda rimors il-pozizzjoni tieghu fuq l-istess mil-lejl ghan-nhar.

Illi t-tieni eccezzjoni ta' l-attur hija li l-istess klawsola hija in vjolazzjoni ta' l-artikolu **1120 tal-Kap 16** *stante* li bhala klawsola ta' penali, l-kreditur ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien minghand id-debitur.

Illi mill-kontro-talba relattiva jidher li l-unika talba li qed issir hija biss sabiex jigu applikati l-kundizzjonijiet hemm indikati fl-istess kuntratt jekk l-attur jonqos, kif naqas, li jhallas il-manteniment, u cjoe' li jittrasferixxi il-proprjeta' ta' l-istess fond lill-konvenuta u xejn izjed, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija bla bazi.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni bbazata fuq l-**artikolu 1121 tal-Kap 16,** u din tidher li ma tapplikax ghall-kaz *de quo stante* li t-termini fl-istess kuntratt huma ben stabbiliti b'riferenza ghall-klawsola mertu tal-kontro-talba u dan apparti dak li hemm provdut fl-**artikolu 1130 tal-Kap 16.**

Illi l-hames, sitt, u seba` eccezzjonijiet ta’ l-attur huma lkoll bla ebda bazi legali u fattwali kif *di piu* gie indikat aktar il-fuq f’din is-sentenza, u jinghad ukoll li l-konsegwenza ta’ dan kollu huwa l-agir ta’ l-attur innifsu li ghall-ebda raguni huwa abbanduna x-xoghol tieghu, kapricozament, waqqaf li jhallas l-manteniment minnu pattwiet lill-konvenuta u lill-minuri, bil-konsegwenza li minhabba dan in-nuqqas li jivversa alimenti lill-konvenuta, giet *in vigore* l-kondizzjoni li huwa stess accetta fil-kuntratt ta’ separazzjoni premess, b’dan li l-istess attur huwa llum marbut bl-istess klawsola u huwa obbligat *ex lege* li josserva l-istess.

Illi ghalhekk it-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi u ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni attrici, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenuta ghac-citazzjoni attrici, **tichad it-talbiet ta’ l-attur fic-citazzjoni tieghu tat-3 ta’ Marzu 2000** *stante* li huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta’ l-azzjoni attrici kontra l-istess attur.

Illi ghar-rigward il-**kontro-talba tal-konvenuta,** din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha ta’ l-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba ta’ l-istess konvenuta, **tilqa’ t-talbiet tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha tal-10 ta’ Lulju 2000,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur kien inadempjenti fil-hlas tal-manteniment dovut skond il-kuntratt u li konsegwentement huma applikabbli l-kundizzjonijiet illi huwa stess qabel maghhom u ffirma ghalihom fil-kuntratt ta’ separazzjoni u cjoe’ illi l-fond 49, gia 19, Balbi Street, Marsa jigi trasferit fuq isem il-konvenuta Rita Azzopardi.

2. Tinnomina lin-Nutar Carmelo sive Charles Mangion sabiex jippubblika l-istess kuntratt relattiv, ta’ trasferiment mill-attur lill-konvenuta tal-fond fuq indikat u dan skond il-kondizzjonijiet indikati fil-kuntratt ta’ separazzjoni ta’ bejn

il-partijiet tal-31 ta' Jannar 1996, u tordna li dan isir fl-edificcju tal-Qrati Superjuri il-Belt, Valletta, f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri, nhar is-27 ta' Gunju 2003 fil-11.30.a.m. u tinnimona lil Dr. Marco Ciliberti bhala Kuratur ghall-eventwali kontumaci sabiex jidhru fuq l-att relattiv.

Bl-ispejjez kollha tal-kontro-talba kontra l-attur.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------